MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1480/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Micallef u l-istess Joseph Micallef**

**Vs**

**Joseph Mary Buhagiar**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm105.08 (mija u hames liri Maltin u tmien centezmi) danni ikkagunati wara kollizzjoni li grat fl-20 ta' Gunju 2002.

Bl-ispejjez inkluzi dik tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ cessjoni ta’ sorte prezentata fil-21 ta’ Gunju 2004.
Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-7 ta’ Gunju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fil-21 ta’ Gunju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------